MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1838/2002

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Josephine Attard u l-istess Josephine Attard**

**Vs**

**Vinan John Zahra**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet Lm973.18c (disa' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tmintax-il centezmu) u l-attrici Josephine Attard talbet Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti danni sofferti minnhom f'incident kif ahjar deskritt fl-Avviz.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut iddikjara li ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Il-konvenut iddikjara li l-vettura tieghu kienet kompletament wieqfa fil-mument tal-habta.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li wara l-incident il-pulizija li nvestiga l-incident irraporta li l-attrici qalet:

"Was driving in main street and the other vehicle collided in same after coming out from his parking space."

Filwaqt li l-konvenut qal li:

"Was coming out from the parking place and was stopped and the other vehicle went to pass and collided with my vehicle."

Meta xehdet l-attrici qalet li kienet miexja bil-mod u semghet hoss ta' habta. Ix-xhud ikkonfermat l-iskizz. Qabel il-habta ma kienetx rat lill-konvenut.

Il-pulizija li nvestiga l-incident qal li l-konvenut qallu li kien wieqaf fil-pozizzjoni li sabu wara l-incident. Kien f'dak il-mument li kien qed jitkellem ma' xi hadd.

Meta xehed il-konvenut hu qal li kien ipparkja, dahal fl-ghassa, hareg u kien fil-karozza qieghed jitkellem ma' habib tieghu. F'dak il-hin ghaddiet l-attrici u tkaxkret mal-karozza tieghu. Il-konvenut qal li jaqbel ma' l-iskizz. Il-konvenut qal li kien wieqaf izda "naqra wicci maqluh 'il barra". Il-konvenut qal li lahaq istartja l-karozza izda ma kienx beda jsuq.

Illi mix-xhieda u mill-iskizz jirrizulta li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident. Illi l-verzjoni tieghu li kien wieqaf mhix kredibbli. Hu jghid li pparkja, mar l-ghassa, hareg u xeghel il-magna izda ma kienx saq u l-attrici habtet go fih. Fl-istess hin il-konvenut ighid li jaqbel ma' l-iskizz. Ma jistax ikun li l-konvenut kien wieqaf u wara l-habta b'xi mod mexa fuq il-lemin tieghu. Lanqas hu kredibbli li l-konvenut kien ipparkjat kif jidher fl-iskizz. Ix-xhud Marco Mintoff qal li ma kienx ra l-incident. Huwa

iktar verosimili li l-konvenut wara li spicca l-konversazzjoni ma' Marco Mintoff beda jsuq u dan minghajr ma ra x'hemm warajh jew magenbu u saret il-habta.

Billi l-verzjoni ta' l-attrici hija izjed kredibbli u billi d-danni ma gewx kontestati u huma ragunevoli, t-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut u jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez u bl-imghax mit-12 ta' Settembru, 2002 kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------